## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 588/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Eric Cuschieri**

**Seduta 27 ta' Awwissu, 2020**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Eric Cuschieri detentur tal-karta tal-identita' numru 222781M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) F'xi żmien bejn Frar tas-sena 2015 u Marzu tas-sena 2015 f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamilt użu mhux xieraq bih (artikolu 49 (c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta).

(2) U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolent, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-

ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħoloq il-probabilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali . (Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tad-29 ta' Novembru 2016 li biha sabet lill-imputat hati wara ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti kkonsidrat it-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti kontrih u kkundannatu jħallas  multa ta' tlett elef Ewro (€3000).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Eric Cuschieri intavolat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2016 li bih  talab r-**riforma** tas-sentenza appellata billi tkun konfermata kwantu s-sejbien ta' htija izda varjata kwantu l-piena mposta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li l-multa mposta fuqu hi wahda sproporzjonata u ghandha tkun mnaqqsa.

2. Il fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw kitba konsistenti f'kummenti fuq network elettroniku intizi biex iqajmu mibgheda razzjali. L-imputat kien ammetta ghaz-zewg imputazzjonijiet fl-ewwel seduta li fiha tressaq il-Qorti u ghalhekk kien instab hati u kkundannat ghall-multa ta' tlett elef euro;

3. L-ewwel argument mressaq mill-imputat ma ghandu bzonn ta' ebda decizzjoni. Kwantu ghall-piena pekunarja erogabbli, l-ewwel imputazzjoni hi soggetta ghal-piena ta' multa ta' mhux aktar minn €23,293.73. Il-fatt illi ma hemmx minimu prevvizt mill-ligi ifisser illi l-inqas multa erogabbli hi dik ta' €23.29 skond l-artikolu 11(1) tal-Kodici Kriminali. Jispjega wkoll illi t-tieni imputazzjoni hi passibbli ghall-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar. L-appellant jikkontendi li fid-dawl ta' dan, il-piena erogata mhix wahda ekwa u gusta;

4. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan. Il-konsegwenzi ta' komunikazzjoni ta' kliem li jista' jqajjem mibgheda razzjali huma serjissimi. Huwa inutili ghall-imputat jghid li skuza ruhu ghall-dak li ghamel. Tista' titlob apologija minn persuna jew persuni li tkun offendejt izda f'kaz bhal dan, il-konsegwenzi jistghu jaghtu lok ghall-vjolenza pubblika li tinfirex bhal nar tat-tiben;

5. L-istess irid jinghad ghall-appell tal-imputat biex jitqies li hemm *a window of opportunity* li ghandha tkun applikata fil-konfront tieghu, argument dan wisq drabi invokat biex il-Qorti tikkonsidra tvarja piena ta' habs effettiv ghal wahda mhux karcerarja wara li jkun registrat miljorament fil-hajja tal-hati. Fil-kaz odjern si tratta ta' multa ta' €3000.00 bl-aspettativa ta' riduzzjoni taghha u ma tarax din il-Qorti kif tfaccat din il-*window of opportunity* minghajr ma jkun hemm spjegazzjoni fattwali u konkreta dwar allegat miljorament fil-hajja tieghu;

6. Il-Qorti hi ben konxja tat-teoriji u id-divergenzi bejn piena riformattiva u dik retributtiva u l-effetti tat-tnejn u tqis illi l-ewwel Qorti kienet ferm klementi mal-imputat bil-piena kominata. Kontra dak li jghid l-abbli difensur tal-imputat fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-atti processwali ma jakkludux il-kummenti intercettati fuq il-profil tal-Facebook tal-imputat izda, minn dak li tista' tifhem mill-istqarrija tal-imputat esebita in atti, dawn kienu ta' livell dizgustanti. Il-Qorti mhix ser tirriproduci dawk il-fehmiet u kummenti mnizzla fl-istqarrija ghaliex huma tassew li wiehed jistmerrhom u jikkundannhom bil-qawwa kollha;

Il-Qorti ma taqbilx li l-appellant "*għadda kumment mingħajr ebda ħjiel ta' razziżmu*" tant li jisskota jghid li ma jrid jipprova "*inaqqas xejn mis-serjeta' tal-kaz".* Huwa jaghmel referenza għas-sentenza 'Julia Farrugia vs Daphne Anne Caruana Galizia' fejn il-Qorti sostniet '*that any regulation should comply with the requirements set out in Article 10 of the European Convention on Human Rights and ....as to the*

*Courts 'the alignment process requires them to exercise considerable restraint in the application of provisions which restrict freedom of expression and to apply the principle of proportionality with due rigour.'* Din is-sentenza, izda ma ghandha l-ebda rilevanza ghal-kaz in dizamina ghaliex dak kien kwistjoni ta' libell u mhux ta' razziżmu kif inhu dan il-każ.

7. Il-Qorti tagħmel referenza, minflok, għall-każ 'Erbakan v Turkey' deciz fis-6 ta' Lulju 2006 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (numru 59405/00).

'*Tolerance and respect for the equal dignity of all human beings constitute the foundations of democratic, pluralistic society. That being so, as a matter of principle, it may be considered necessary in certain democratic societies to sanction or even prevent all of forms of expression which spread, incite, promote or justify hatred based on intolerance….provided that any 'formalities', 'conditions', 'restrictions' or 'penalties' imposed are proportionate to the legitimate aim pursued.'*

8. Fis-sottomissjonijiet orali tieghu l-appellant iffoka b'mod esklussiv fuq sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Chris Pisani tas-7 ta' Marzu, 2018 u spjega li dan kien tressaq quddiem il-Qorti separatament dwar l-istess *posting* u inghata l-istess piena bhal dik mertu ta' dan l-appell. Il-Qorti tal-Appell kienet laqghet it-talba ghall-diminuzzjoni fil-piena u minflok ikkundannatu ghal-multa ta' €1500. Ezaminata din is-sentenza jinghad biss illi l-Qorti ma spjegatx ir-ragunijiet ghaliex kienet laqghet it-talba ghajr illi kienet qed taqbel mal-aggravju mressaq mill-appellant. Lanqas spjegat ghaliex

kienet prattikament qed twarrab l-insenjament wisq drabi segwit mill-Qorti ta' dan il-grad li l-paraguni huma odjuzi u li ma huwiex normali li d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tkun rimpjazzata minn din il-Qorti jekk mhux ghal ragunijiet ben fondati;

9. L-atti processwali tas-sentenza Pisani ma huwiex parti mill-atti in dizamina u ghalhekk din il-Qorti mhix f'qaghda li tivverifika li l-kliem mxandar fuq din il-post kien aghar minn dak odjern jew jekk il-fedina penali ta' dak il-hati kienitx komparabbli ma' dik tal-imputat odjern, dejjem li kellha din il-Qorti taghmel paragun. U dan mhix ser tghamlu ghaliex il-paraguni huma odjuzi kif dejjem ritenut minn din il-Qorti;

10. Irid jinghad ukoll dak wisq drabi affermat minn din il-Qorti illi l-ammissjoni ma ggibx maghha xi dritt awtomatiku ta' piena fil-minimu taghha. Issa, fil-kaz hawn skrutinat l-imputat inghata nofs tal-kwart tal-massimu erogabbli u ghalhekk ma tara ebda sproporzjonalita' fiha aktar u aktar meta l-imputat kien passibbli ghall-prigunerija effettiva kwantu t-tieni imputazzoni;

11. Minkejja dan, u b'sens ta' ekwita' tenut kont tal-piena diminwita fl-appell imsemmi ta' Chris Pisani, anke jekk din il-Qorti ma taqbilx li ghandu jkun soggett ghall-paragun, u wara li rat illi l-imputat ghandu precedent fil-fedina penali tieghu, qed tirriduci l-piena b' hames mitt ewro;

12. Konsegwentement tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu s-sejbien ta' htija fiz-zewg imputazzjonijiet, thassarha f'dik il-parti li fiha

ikkundannat lill-imputat ghal-multa ta’ tlett elef euro u minflok tikkundannah ghall-multa ta’ elfejn u hames mitt euro.